Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)

Illum, 12 ta' Dicembru, 2017

Il- Pulizija
(Spettur Matthew Vella)

-vs-

Jonathan Compagno, detentur tal-karta tal-identità 378177M

Kumpilazzjoni Nru. 746/14

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Compagno u ċioè talli:

1. F'Ġunju 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa l-ħanut tiegħu 'Compagno Confectionary' gewwa Zabbar Road, Fgura, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2,329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess

uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Dicembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 261(b)u (c), 263, 264, 267, 278(2), 279(b), 280(2) u 283 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(ii) Fl-artikoli 115(1)(c), tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 42(a)(b), 43, 45, 46, 112 u 114 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 42(a)(b), 43, 45, 46 u u 127 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(v) Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

---

[1] Fol.188

Illi meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat dan spjega li hu kien gwardjan lokali u kif ghalkemm il-meter kien registrat fuq Jesmond Abela l-hanut fejn kien hemm installat il-meter kien mikri ghandu. Spjega kif darba fost l-ohrajn ragel kien avvicinah u hajjru jimmodifika l-meter tal-hanut biex jirregstra anqas konsum. Gie maqbul li kellu jmur jaghmel dan ix-xoghol f'Settembru, 2013 u hallsu €1,600. Meta sar dak ix-xoghol l-istess ragel kien mar ma persuna ohra. Minn ritratti murija lilu kien gharraf bhala l-persuna li mieghu kien sar il-ftehim, il-persuna li tidher fir-ritratt nru.7.[2]

Illi **John Tonna** xehed kif waqt spezzjoni maghmula fid-9 ta' Gunju, 2014, instab meter li kien under registering b'74%. Kien gie *tested* quddiem Jonathan Compagno kif ukoll Jesmond Abela li kien il-konsumatur registrat mal-Enemalta. In kontro-ezami kkonferma li meta marru fuq il-post l-ewwel kien hemm Compagno u wara li gie zvelat li r-registered consumer kien Abela, dan issejjah ukoll fuq il-post.[3] Ix-xhud pprezenta r-rapport tieghu *"Inspection Report of a tampered meter"*; fih jidhru l-appliances/equipment li nstabu jiffunzjonaw fil-hanut tal-imputat dakinhar tal-ispezzjoni.[4]

Mill-**Current Incident Report** jirrizulta li meta nstab it-tampered meter fil-hanut kien hemm Jesmond Abela.[5] Dan gie kkonfermat minn **PS1480 Sandro Mallia**.[6]

Illi **Carmel Scerri**, Divisional Manager (Distribution) fi hdan l-Enemalta spjega kif hu kien responsabbli mill-meter section inkluz l-*smart meters* u offra l-isfond ta' kif inbdew l-investigazzjonijiet dwar tbghabis fl-*smart meters*. Spjega kif waqt li kien qed jigi ttestjat meter mill-lokalita` ta' H'Attard instab li dan kien *under-registering.* F'Lulju dahhlet informazzjoni li kien hemm meter iehor li kien originarjament installat f'H'Attard li kien suspettat hu meta nqala w ittestjawh instab li anke dan kien *under-registering*. L-istess gara f'Settembru fir-rigward ta' meter iehor li kien originarjament installat fil-Fgura.[7] Skattat investigazzjoni u instab li t-tlett meters gew installati mill-istess installer u l-procedura li kienet qed tintuza sabiex issir l- *under-registering,* kienet l-istess fejn

[2] Fol.10-11
[3] Fol.50-51
[4] Dok. DRZ a fol.43 et seq; Fol.44 tergo
[5] Fol.34-36
[6] Fol.81 et seq.
[7] Fol.38

ghalkemm ma kien hemm raguni sabiex il-meter jinbiddel, fil-fatt dawn xorta wahda kienu qed jinbiddlu. Inzerta li waqt li kienu hawn Malta d-dizjinaturi tal-*smart meters*, il-kumpanija Taljana ENEL, dawn gew ikkonsultati u peress li kellhom maghhom strumenti necessarji, il-meters gew ezaminati u wasslu ghall-istess konkluzzjonijiet li kienu wasslu ghalihom qabel l-Enemalta meta ezaminaw l-istess meters. Gie suggerit li l-meters jintbghatu lill-Laboratorju tac-CESI u f'Settembru intbghat l-ewwel meter. Ikompli *"dawn ghaddewh minn process ta testijiet, anki fethuh, anki ccekjawh kollu u fl-ahhar ta' Settembru bghatulna dokument fejn f'dan id-dokument qed jghidulna li dan il-meter infetah, dan il-meter gie hhackjat kienu qed ibghabsulu xi haga minn gewwa u wrewna l-informazzjoni li kien hemm."* Intbghatu z-zewg meters l-ohra fejn rapport mibghut dwarhom sab li dawn il-meters gew mbghabsa bl-istess mod.[8]

Sussegwentement l-Enemalta xtrat strumenti bhal ma kienu qed juzaw l-ENEL u mill-IT Section tal-Enemalta beda process sabiex isir maghruf x'kien qed jigri. *"Bazikament qbadna l-installer, qbadna t-tip ta' procedura u bdew johorgu certu patterns. Flimkien mall-Interal Audit once li kellna l-informazzjoni u kellna l-istrumenti f'idejna ddecidejna li f'Jannar nibdew naghmlu t-testijiet fuq barra, jigifieri l-ewwel bdejna li ncemplu n-nies u nghidulhom li ha naghmlu t-testijiet, jigifieri li huwa fid-dmir taghna bhala Enemalta, dak iz-zmien kienet corporation illum plc, li ahna nittestjaw il-meters, u bdejna nsibu li dawn kienu underregistered. Kull darba kienu qed johorgu team ta' persuni, jittestjaw fuq il-post, johorgu dokument, u kull darba li nsibu dawn il-meters naghmluhom go evidence bags,..... beda johrog li dan kien hemm pattern, kien hemm pattern li l-meters hafna minnhom li kienu qeghdin jitwahhlu dawn kellhom initial reading, ... qabel ma jigu pogguti fuq il-post dawn kienu qeghdin jigu ttestjati, ghalhekk kien qed ikollhom l-initial reading, allura hadna decizjoni li minflok naqbdu biss il-procedura li sibna ta' dawk it-tlieta nestenduwa biex naraw liema meters kellhom l-initial reading kollha li wahhalna, u bdew johorgu li mhux biss ta' installer wiehed, u kien hemm iktar installers."*[9] In kontro-ezami kkonferma li hu ma kienx imur *on-site* u lanqas ma kien ezamina l-meters ghaliex dak ix-xoghol sar minn l-engineers, fitters u technicians adetti mal-Enemalta.[10]

Illi xehed **Joseph Giuliano** u esebixxa meter li nqala minn 338, Triq Haz-Zabbar Fgura, filwaqt li spjega li dan kien gie tested u rrizulta li kien qed

---

[8] Fol.39
[9] Fol.38-40
[10] Fol.41

jimmarka 74% inqas.[11] Illi **Robert Busuttil** jikkonferma dawn il-fatti u jippreciza "li l-meter kien qed jaqra minus 74.63%".[12]

Illi **Alan Chetcuti** pprezenta stima tal-Enemalta ghall-perjodu mill-25 ta' Jannar, 2013 sad-9 ta' Gunju, 2014, meta saret l-ispezzjoni *"f dak il-perjodu l-meter kien irregistra 24.4 units ta' dawl kuljum a bazi tal-meter test li kienu ghamlu l-engineera u l-konkluzjonijiet tieghu li l-meter kien 74.6% slow hdimna progection ta' x'kellu jigi kkunsmat kieku l-meter kien qieghed sewwa l-progection ta' 96.3 units ta' dawl kuljum ghal dak il-perjodu li semmejna u l-ammont li qed tippretendi l-Enemalta huwa ta' 8153.12 Euro. Kieku jkollna naqtghu l-penali barra 7316.32 Euro."*[13]

Ix-xhud esebixxa kwerela li ma gietx kkonfermata minn Dr Erika Grech wara ezenzjoni f'dan is-sens mid-difiza.[14]

In kontro-ezami jikkonferma li l-kalkoli tieghu huma biss ***"assumptions"*** li jinhaddmu abazi ta' dak li jkun gie kkwantifikat mill-inginiera meta jittestjaw il-meter.[15] Mill-istima esebita jirrizulta li l-ammont ta' unregistered consumption kien ta' €6,967.92.[16]

Illi l-espert tekniku il-**Professur Cyril Spiteri Staines** xehed li *"fil-kaz ta' dan il-meter li kien single phase meta ftahnieh sibna li bejn il-contacts 45 u 46 kien hemm, there was a conductive substance **which was applied** between contacts 46 and 45. Minhabba f'hekk dawk huma fejn jidhlu l-wires tal-current sensor. Minhabba f'hekk il-meter ma jaqrax tajjeb u fil-kaz ta' dan il-meter partikolari kien qed jaqra xi around 70% inqas kien qed jaqra ghax skond dejjem kemm ghaddej kurrent, around 70% inqas kien qed jaqra."*[17] Fir-rapport jie kkonstatat li l-smart meter gie miftuh billi:

1. *Il-vit li jinsab fil-wicc tal-Smart Meter tnehha permess ta' ghodda specjali esebita fil-mori tal-process Pulizija vs Martin Cilia La Corte, esebit numru KA 86/16.*

---

[11] Fol.53
[12] Fol.59
[13] Fol.61.
[14] Fol.71; kwerela a fol.64
[15] Fol.62
[16] Fol.65
[17] Fol.167; Rapport, Dok. SSB, a fol. 168 et seq

2. *Il-kolla li tissigilla il-wicc tal-kaxxa tal-meter mad-dar tal-Smart Meter kien maqtugh permezz ta' Stanley Knife.*
3. *Il-wicc tal-Smart Meter kien probed open permezz ta' tornavit u tnehha kompletament ....*
4. *The points C45 and C46 were found tampared by means of a substance which was applied to the two contacts thus modifying the correct operation [of] the meter's circuitry..."*[18]

Fl-istess rapport gie konkluz li ***"huwa evidenti li il-PCB tal-Smart Meter giet mbghabsa. Illi dan it-tbaghbis fuq il-PCB huwa tali li huwa eskluz li sehh waqt il-manifattura tal-istess Smart Meter."***[19] Riprodott il-Professur Spiteri Staines filwaqt li jispjega ghaliex ir-rizultat tat-test maghmul mill-Enemalta kien ta rizultat ta minus 74% filwaqt dak maghmul minnu kien ta' minus 40% - rizultat attribwibbli ghall-fatt li l-Enemalta ghamlet warm test u l-espert ghamel cold test - hu skjet meta jiddikjara *"Il-konkluzjoni huwa li l-meter infetah u tpoggiet substance fuq certu resistenzi".*[20]

Serq ta' Elettriku: L-ewwel Imputazzjoni

Mir-rizultanzi processwali, partikolarment mill-istqarrija tal-imputat fejn jammetti kif it-tbaghbis kien sar ghall-habta ta' Settembru, 2013, meta kien gie avvicinat minn persuna biex jigi modifikat il-meter biex jirregistra anqas, din l-imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Ghalkemm l-artikolu 42 ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gie rez applikabbli anke ghal Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, bis-sahha tal-artikolu 525(3) tal-Kodici.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**:[21]

> Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni –

---

[18] Fol.176
[19] Fol.178
[20] Fol.193. Vide ukoll xhieda a fol.198
[21] Per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 9 ta' Jannar 2012.

> li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[22]

Mhemmx dubbju li l-agir tal-imputat jinkwadra fic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 42(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, *"jien qbilt u ftehmna l-gurnata meta kellu jigi (Settembru, 2013)."*[23] Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ppruvata.

Madanakollu dak li pprezentat l-Enemalta kienet biss stima li tirrisali ghal Jannar, 2013. Ma ngabet ebda prova li tindika minn meta kienet registrata differenza fil-konsum; lanqas ma saret prova dwar liema l-apparat misjub fid-9 ta' Gunju, 2014, kienx qed jigi uzat tul il-perjodu li fuqu nhaddmet l-istima. Ghalkemm fil-kamp civili, fejn il-grad tal-prova mistenni hu ferm anqas oneruz minn dak fil-kamp penali, tali stima tista' tkun ammissibli bhala prova, fil-kamp kriminali provi ma jsirux permezz ta' *"projections"* u stimi imma b'fatti konkreti li jwasslu sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

Minkejja dan, issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Farrugia**[24] li ccitat bran mis-sentenza **Il-Pulizija vs Robert Gafa'** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2014, fejn gie ritenut:

> "11. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi huwa ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-"valur". L-ewwelnett issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Zahra, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. Dan jista' jitqies li japplika mutatis mutandis fejn si tratta ta' valur ta' oggetti misruqa. F'dik is-sentenza ntqal hekk:
>
> "Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-

---

[22] Ref **Il-Pulizija vs Carmelo Agius**, Appell Kriminali, deciz 24.05.2002

[23] Fol.10

[24] Magistrat Dr J. Demicoli [02.03.2015], Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."

12. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet dwar il-valur: "Certament nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` zgur li l-oggetti misruqa minn kull imputat jeccedu l-mitt lira Maltin bil-valuta ta' zmien ir-reat – ghal dan il-Qorti m'ghandha bzonn ebda espert. Pero` l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta' l-oggetti misruqa mill-basement jeccedu l-elf lira Maltin."

13. Din il-Qorti ezaminat il-provi. L-oggetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li gew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien seraq numru akbar ta' batteriji li bighhom ghal "xi Lm250" (a fol. 19). Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tieħu l-valur wholesale ta' l-oggetti kollha in kwistjoni, dan se jaqbez il-Lm100. Ghalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali. **Irid jigi carat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab hatja ta' serq semplici."**

Illi mhemmx dubbju li minn Settembru, 2013, sa Gunju, 2014, kont ta' confectionary bl-equipment indikati fir-rapport esebit minn John Vella,[25] facilment jeccedi l-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin ewro u erba u disghin Ewro (€232.94); ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti jirrizulta l-aggravju tal-valur. Hu sa hawn lil din il-Qorti tista' tasal tenut kont li *in dubbio pro reo* u li ma ngabet ebda prova li tissodisfa l-grad mistenni li l-ammont anke qabez l-€2,329.32 kif imputat lilu bl-ewwel akkuza.

Korruzzjoni: It-Tieni Imputazzjoni

Ser tigi kkunsidrata it-tieni imputazzjoni, dik ta' komplicita` fil-korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku.

Illi ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** fejn il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami *funditus* dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali: [26]

Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.[27]

---

[25] Vide fol.44 tergo

[26] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 30.06.2010 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[27] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982).

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.[28]

3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.[29]

Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta'limpieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "***The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.***"

Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:

"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal- Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."

Fis-sentenza citata dik il-Qorti kompliet hekk:

……Illi l-artikolu 120 iqis lil persuna li tikkorrompi ufficjal pubbliku bhala komplici fir-reat previst f'dana il-kaz fl-artikolu 115. Illi l-ligi taghti definizzjoni ta' min jitqies li huwa komplici fl-artikolu 42 fejn hemmhekk jigu ikkontemplati hames sitwazzjonijiet fejn persuna tirrendi ruhha komplici. Illi mill-qari ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi jidher car illi f'kull cirkostanza ikkontemplata irid ikun hemm 'l hekk imsejjah *common design* bejn l-awtur u ilkomplici. Ma hux necessarju, kif tikkontendi id-difiza illi l-komplici ikun ghamel xi forma ta' qliegh huwa innifsu u cioe' ikun kiseb xi vantagg finanzjarju. ……

Illi kif gie deciz f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Camilleri et. deciza fit-30 ta' Lulju 2009, mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali:

"Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*."

Il-Professur Mamo ighid: "***The briber or corruptor is only an accomplice in as much as he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises."*** (sottolinjar tal-Qorti)

---

[28] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)

[29] Vide ukoll Il-**Pulizija v. Alfred Demicoli** (Appell, Deciza 2 ta' Mejju 1985)

Il-**Professur Mamo** ikompli:

> Sections 114[30] and 118[31] deal with the crimes of bribery and corruption of public officers. …
>
> As it is only a public officer or employee who can sell away an act of public office, so it is only he that can be considered as the principal offender in the crime of corruption. The briber or corrupter is only an accomplice in as much as he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises. And as the crime is completed by the mere acceptance, on the part of the public servant, of the reward or offer, so also it must be considered in respect of the corrupter.
>
> Our Code at Sec.118 expressly applies to the corrupter the rules of complicity. If the crime of corruption is, therefore, completed by the unholy compect of the public servant and the private person, the latter is liable to punishment whether the corruption has as its object the performance by the public officer of his duty or his failure in such duty. And the punishment of the corrupter varies with that of the public servant. The consequences arising out of the personal circumstances of the public servant in the principal offender are, in their entirety, imputable to the accomplice: for this circumstance is an essential ingredient of the principal crime and an indispensable condition for its commission.

Mill-provi quddiema din il-Qorti minn imkien ma jirrizultalha li l-imputat kien ghamel xi ftehim ma xi **ufficjal jew impjegat pubbliku.** Il-prosekuzzjoni naqset anke milli tipprova l-isem tal-persuna li kien iddentifika l-imputat mir-ritratti murija lilu – dak indikat bin-numru 7. L-imputat baqa' ma gharaf lil hadd izjed minn dawk ir-ritratti, u ghalhekk lanqas lil min kien immodifika l-meter.

Fatt iehor skontat mill-prosekuzzjoni kien il-fatt li fl-istqarrija tieghu, l-imputat jistqarr li kien gwardjan lokali. Ma kien hemm ebda tentattiv sabiex jintwera' jekk fiz-zmien li sehhew ir-reati attribwiti, l-imputat kienx hekk impjegat, f'liema kaz kienet tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali; artiklu li baqa' ma giex indikat mill-Avukat Generali.

Illi l-akkuzi l-ohra u cioe` dawk tal-konkussjoni u storn (artikoli 112 u 127 rispettivament) ukoll jinhgtiehu, bhala element essenzjali tar-reat, il-figura tal-ufficjal pubbliku. Hemm mankanza totali ta' provi f'dan ir-rigward u l-Qorti ma tistax tifhem x'wassal sabiex jinhargu akkuzi ravvizati bl-imsemmija artikoli meta dan l-element hu ghal kollox nieqes.

[30] Illum l-artiklu 115 tal-Kodici Kriminali
[31] Illum l-artiklu 120 tal-Kodici Kriminali

Konkussjoni: It-tielet Imputazzjoni

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Faure**:[32]

> It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:
>
> **"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."**
>
> L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-*reo*, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.

Il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe:[33]

> *"1. The public character of the offender;*
> *2. The unlawful exaction; u*
> *3. The colour of office."*
>
> It is, in the first place necessary that the offender be an officer or employee of a public administration or a person employed by or under the Government.

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard**:[34]

> Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi" li jiddisponi s-segwenti:
>
> *"Kull ufficjal jew impjegat f'amminstrazzjoni pubblika u/jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, jew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux, jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi* ***taht l-libsa tal-kariga tieghu, jesigi*** *dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi…"*
>
> Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. …..
>
> Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku.

---

[32] Onor Imhallef Dr. David Scicluna, Appell Numru 251/2007; Deciza 08.06.2007

[33] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 80

[34] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 28.02.2005 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.

Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din id-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.

It-tieni element huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.

Skond il-**Professur Mamo**:

"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."

Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut

lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.

Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.

Skond l-awtur Taljan **Maino**:

"Il reato di consussione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o alter contribuzioni."

Fit-tielet lok, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu **fil-qadi ta' dmirijietu**. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk.

Ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi pruvat l-involviment ta' ufficjal jew impjegat pubbliku fit-tbgahbis li minnu

bbenefika l-imputat, u dak li ghamel tali ufficjal jew impjegat pubbliku ghamlu taht *"il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu"*, jibqa' l-fatt li s-suggett passiv fir-reat taht l-artikolu 112 qatt ma jista' jiffigura bhala komplici izda biss bhala vittma, altrimenti l-kondotta tas-suggett passiv tinkwadra ruha **f'komplicita` fir-reat ta' korruzzjoni ai termini tal-artikolu 120** tal-Kodici Kriminali. Hu precizament minhabba dan l-element li l-artikolu 120 tal-Kodici ma jinkludix ukoll l-artikolu 112. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghar-reat ravvizat bl-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali.

Ghar-ranujiet imsemmija u fuq dan l-insenjament, l-imputat qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni.

Storn: Ir-Raba Imputazzjoni

Imbghad dwar l-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Saliba:**[35]

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.
>
> Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[36]

> *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

[35] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima; 31.05.2012
[36] Deciza 13.03.1998, App. Krim.

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, il-Qorti Kriminali ddikjarat:[37]

> Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza **"Rex vs Brincat"**deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` **anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu**…..
>
> Illi fil-kaz **"Rex vs Victor Fava"** deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.
>
> Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).
>
> Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk **mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga.** Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;
>
> ……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu **ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali**; **u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor**. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.

[37] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

> ...Illi minn ezami tal-att tal-kawza...jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom....
>
> Illi ghalhekk la darba tonqos dik i-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Mir-rizultanzi processwali u fuq l-insenjament appena citat, fejn tonqos milli tiffigura l-persuna tal-ufficjal jew impjegat pubbliku, qatt ma tista' tinstab htija dwar din l-imputazzjoni tenut kont li l-meters, il-haga stornata, ma rrizultatx li qatt kienet taht idejn l-imputat u wisq inqas ma kienet fdata lilu in forza tal-ufficju tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, l-fedina penali tal-imputat li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti u tac-cirksotanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42, 261(b)(c), 263, 264, 267, 278(2), 279(a), 280(2) u 283 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal hmistax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €826.00 rapprezentanti spejjez peritali.

Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)
Magistrat